L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

# Linji gwida għall-prevenzjoni ta' tixrid tal-imxija tal-Covid-19 waqt it-Tqarbina tal-morda fid-djar

## 1. INTRODUZZJONI

1.1 Biex titħares is-saħħa ta' dawk li jkunu ser jirċievu Tqarbina, tal-persuna li tkun qed tqarben, u ta' dawk li jkunu jgħixu f'dak il-post, l-Arċidjoċesi ta' Malta qed tagħmel dawn il-miżuri ta' mitigazzjoni.

## 2. DEFINIZZJONIJIET

2.1 Distanza ta' sigurtà (*social distancing*): id-distanza li għandha tinżamm bejn persuna u oħra kif stabbilit mill-awtoritajiet tas-saħħa. Din id-distanza hija ta' żewġ metri. Din ma tgħoddx għall-persuni li jgħixu fl-istess dar.

## 3. APPLIKABILITÀ

3.1 Dawn il-miżuri jidħlu fis-seħħ mis-17 ta' Ġunju 2020 u jibqgħu jgħoddu sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-Awtoritajiet tal-Knisja.

## 4. TQARBIN TAL-MORDA

4.1 Qabel ma persuna tmur f'dar biex tqarben lil xi ħadd, għandu jkun hemm komunikazzjoni mal-persuna li se titqarben biex ikun konfermat li persuna tixtieq tibda terġa' titqarben minn issa.

4.2 Is-saċerdot għandu japplika sanitżer qabel ipoġġi l-ostji fit-teka. F'kas li l-ostja tkun se tiġi kkonsagrata, it-teka għandha tibqa' magħluqha l-ħin kollu waqt il-quddiesa.

4.3 Il-persuna li tkun se tqarben għandha tkun liebsa maskra jew visor minn meta tidħol fid-dar tal-persuna li se titqarben.

4.4 Il-persuna li tkun se tqarben għandha tapplika sanitiżer quddiem il-persuna li se titqarben, qabel tqarben il-persuna.

4.5 Mhux suġġerit li jsir tqarbin ta' ħafna morda wara xulxin.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 5350
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**